IR-RABAT

**KUMITAT AMMINISTRATTIV TAL-BAĦRIJA**
**IT-TIENI LEĠIŻLATURA**
**MINUTI TAL-LAQGĦA NUMRU B 14**

* **Il-Kumitat iltaqa` nhar** Data u ħin
**L-Erbgħa 9 ta' Settembru 2015 fil-5.00 pm**
**fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8, Triq l-Isptar, Ir-Rabat**

** **Preżenti għal-Laqgħa:** Attendenza

| | |
|---|---|
| Is-Sur Paul Grech | Ċerpersin |
| Is-Sur Paul Galea | Vici-Ċerpersin |
| Is-Sur George Attard | Membru |
| Is-Sur Anglu Portelli | Membru |
| Is-Sna Orietta Masini Cardona | Segretarju Eżekuttiv |

**Skużata:**

| | |
|---|---|
| Is-Sra Marthese Cortis | Membru |

**1.00 Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru B11**

1.01 Il-minuti tas-seduta nru B11 ġew meħuda bħala moqrija u approvati unanimament mingħajr ebda emenda u ffirmati miċ-Ċerpersin u s-Segretarju Eżekuttiv. *Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti B11*

** Is-Sur Anglu Portelli daħal għal-laqgħa fil-5.09 p.m.

**2.00 Punti li joħorġu mill-Minuti B11** *Punti li joħorġu mill-Minuti B11*

2.01 3.02 Iċ-Cerpersin informa l-laqgħa li kien tkellem mal-kuntrattur sabiex il-bozza ta' Wied Rini tinqala' u titwaħħal f'post eqreb is-*supply*. Huwa qal li l-kuntrattur tal-Kunsill kien infurmah li tali xogħlijiet kienu ser isiru mingħajr ebda spejjeż addizzjonali. *Applikazzjonijiet ta' bozoz*



KUNSILL LOKALI IR-RABAT
8, Triq l-Isptar, ir-Rabat RBT 1043, Malta. Tel: +356 21455000 / 21451510
Fax: +356 21451945 email: rabat.malta.lc@gov.mt www.rabatlocalcouncil.com

**3.00 Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru B12**

3.01 Il-minuti tas-seduta nru B12 ġew meħuda bħala moqrija u approvati unanimament mingħajr ebda emenda u ffirmati miċ-Ċerpersin u s-Segretarju Eżekuttiv.

Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti B12

**4.00 Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru B13**

4.01 Il-minuti tas-seduta nru B13 ġew meħuda bħala moqrija u approvati unanimament mingħajr ebda emenda u ffirmati miċ-Ċerpersin u s-Segretarju Eżekuttiv.

Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti B13

**5.00 Komunikazzjoni mill-membri**

5.01 Il-Viċi Ċerpersin informa l-laqgħa li l-Korporazzjoni Enemalta qiegħda tisħaq li l-bozza li ġiet installata fil-*main road* twaħħlet f'post ħażin u mhux skont l-applikazzjoni. Huwa ppropona li ssir applikazzjoni ġdida mal-Korporazzjoni Enemalta sabiex il-bozza tkun tista tibqa' fil-post eżistenti. Issekonda din il-proposta ċ-Ċerpersin is-Sur Paul Grech. Il-Kumitat qabel unanimament.

Bozza fil-*main road*

Iċ-Ċerpersin u l-Viċi Ċerpersin offrew li jiltaqgħu l-uffiċċini tal-Kunsill sabiex jaħdmu fuq l-applikazzjoni l-ġdida.

5.02 Il-Viċi Ċerpersin informa l-laqgħa li rċieva diversi lmenti dwar il-qtugħ ta' ħaxix. Huwa qal li hemm ammont sostanzjali ta' toroq fil-Baħrija li għadhom ma sarux fosthom:

Qtugħ ta' ħaxix

Għar Żerriegħa
Binġemma
Triq tal-Baħrija
Triq il-Lewż
Tas-Santi
Il-*Main road* tal-Baħrija
Fomm ir-Riħ
It-triq ta' wara l-istazzjon ta' Wied Rini

5.03 Il-Viċi Ċerpersin qal li wara xogħlijiet ta' tqattigħ ta' kanal li sar fit-triq prinċipali tal-Baħrija tħalla xifer perikoluż, b'konsegwenza li l-vetturi kienu qed imorru n-naħa l-oħra tat-triq sabiex jevitawh.

Kanal perikoluż fit-triq tal-Baħrija

Ġie deċiż li l-Viċi Ċerpersin jgħaddi r-ritratti tal-imsemmi kanal lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex l-ilment jiġi mgħoddi lil Transport Malta.

5.04 Is-Sur Anġlu Portelli qal li hemm bżonn li jingħata l-*patching* fit-triq li mill-Baħrija tagħti għall-Imġarr u fit-triq ta' Fomm ir-Riħ. Huwa staqsa jekk dawn it-toroq kinux inklużi fil-lista ta' toroq li ser isiru minn Transport Malta sabiex jekk le jsiru mill-KA.

*Patching* ġewwa toroq fil-Baħrija

5.05 Is-Sur George Attard informa l-laqgħa li l-ġbir tal-ħġieġ ma sarx fix-xahar ta' Settembru. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil laqgħa li l-Kunsill kien diġa' għadda l-ilment lill-kumpanija *Green MT*. Hija qalet li l-Kunsill kien qiegħed jieħu

Ilment dwar il-ġabra tal-ħġieġ

d-dettalji ta' dawk ir-residenti li l-ħġieġ tagħhom ma kienx inġabar, sabiex isirilhom appuntament u ssir il-kollezzjoni tagħhom.

**6.00 Tiġdid tal-kwotazzjoni għat-Tindif u Manutenzjoni ta' Latrina Pubblika fil-Baħrija – RLC/Q/0080/13**

6.01 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li peress li l-laqgħat preċedenti tal-Kumitat Amministrattiv ma sarux minħabba nuqqas ta' 'quorum', hija ressqet dan it-tiġdid għall-approvazzjoni tal-Kunsill. Il-Kumitat qabel unanimament mad-deċiżjoni meħuda mill-Kunsill. Tiġdid tal-kwotazzjoni għat-tindif u Manutenzjoni ta' Latrina fil-latrina fil-Baħrija – RLC/Q/0080/13

**7.00 Tiġdid tal-kwotazzjoni għall-Knis Manwali tat-Toroq fil-Baħrija – Żona 5 - RLC/Q/0081/13**

7.01 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li peress li l-laqgħat preċedenti tal-Kumitat Amministrattiv ma sarux minħabba nuqqas ta' 'quorum', hija ressqet dan it-tiġdid għall-approvazzjoni tal-Kunsill. Il-Kumitat qabel unanimament mad-deċiżjoni meħuda mill-Kunsill. Tiġdid tal-kwotazzjoni għall-knis manwali tat-Toroq fil-Baħrija – Żona 5 – RLC/Q/0081/13

**8.00 Korrispondenza**

8.01 Ma kien hemm l-ebda korrispondenza x'tiġi diskussa. Korrispondenza

** Is-Sur George Attard talab li jiġi skużat fis-5.45 p.m.

**9.00 Materji Oħra**

9.01 Ma kien hemm l-ebda materja oħra x' tiġi diskussa. Materji Oħra

**10.00 Data tas-seduta li jmiss**

10.01 Il-Kumitat qabel li l-laqgħa li jmiss għandha ssir nhar it-Tlieta 6 ta' Ottubru 2015 fil-5.00 ta' filgħaxija. Data tas-seduta li jmiss

10.02 Il-laqgħa ntemmet fis-6.45 ta' filgħaxija.

Minuti approvati llum it-Tlieta 6 ta' Ottubru 2015

**Paul Grech**
**Ċerpersin**

**Orietta Masini Cardona**
**Segretarju Eżekuttiv**